MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Numru 824/2005

Il- Pulizija
(Spettur Anthony Portelli,
Spettur Walter Spiteri)

-vs-

Mario Caruana

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Mario Caruana ta’ 49 sena, bin Emmanuel u Josephine nee’ Bonnici, imwieled Tarxien nhar il- 24 ta’ Ottubru 1955 u residenti no. 37, Misrah is- Suq, Tarxien, detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 729155(M);

Akkuzat talli fl- 14 ta’ Settembru 2005, u fi zmienijiet ta’ qabel, f’ dawn il- gzejjer, ircieva minghand Raymond Psaila xi wegheda li jinghata, lilu jew lil ohrajn, b’

korrispittiv ghal xi self, imghaxxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li jkun b’ access minn dak li jkun permess bil- ligi.

Rat in- nota tal- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja quddiem din il- Qorti.

Rat li l- akkuzat ammetta u hekk tenna wara li gie mfisser lilu xi tfisser ammetta u hekk tenna wara li gie mfisser lilu xi tfisser ammissjoni u moghti z- zmien biex jahsibha.

Stante ammissjoni issibu hati.

Rat l- art 298C tal- Kap 9.

Kif ukoll l- artiklu 22 tal- Kap 446 li ser tapplika stante il- kondotta nadifa ta’ l- akkuzat.

Ghalhekk waqt li ssibu hati tilliberah taht il- provedimenti ta’ l- art 22 tal- Kap 446 b’ dan li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) m’ llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------